**203. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**KIRI TA’ *HUTS* F’ ĦAL-LUQA LIL PERSUNI LI JAPPLIKAW GĦALIHOM BIEX JEŻERĊITAW IS- SENGHA TAGĦHOM**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta beħsiebu jikri l-*huts* f’Ħal-Luqa, indikati fil-pjanta li ġġib ir-referenza Drawing Ho. L.D. 143/79 li kopja tagħha qiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra u mmarkati b’kulur aħdar, b’numri 79 sa 82, 83 sa 90, 92 sa 98, 99 sa 104, 108 sa 114, 116 sa 122, 123 sa 130, 131 sa 138, bl-użu in komuni tal-bini mmarkat b’kulur aħmar lill-persuni li japplikaw għalihom biex jeżerċitaw ix- xogħol tas-sengħa tagħhom;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (ċ) tas-subartikolu ( 1 ) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferimenti ta’ Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal- Gvern jew amministrata minnu tista’ tiġi trasferita “skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment” ;

U billi huwa xieraq li t- trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b’dan riżolut li l-*huts* f’Ħal-Luqa indikati fil-pjanta li ġġib ir-referenza Drawing No. L.D. 143/ 79 li kopja tagħha qiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra u mmarkati b’kulur aħdar, b’numri 79 sa 82, 83 sa 90, 92 sa 98 , 99 sa 104, 108 sa 114, 116, sa 122, 123 sa 130, 131 sa 138, u bl-użu in komuni tal-bini mmarkat b’kulur aħmar, jiġu mogħtija lin-nies tas- sengħa li japplikaw għalihom.

30.07.1979